**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 t'Ottubru 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Kurt Farrugia)**

**vs**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Zahra ta' 68 sena, iben Joseph u Anne nee' Cutajar imwieled Birzebbuga nhar is-6 t' April 1953 residenti Officers Mess Blk 5 Hse 2, Triq Hal-Far, iz-Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0293553M

Akkuzat talli fit-18 ta' Marzu, 2022 ghall-habta ta' 15:30hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel, gewwa l-Bini tal-Qorti, Il-Belt Valletta:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta'xorta ohra li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u

cioe' PC 940 Owen Magrin u PC 2179 Raisa Farrugia, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, hedded u/jew ghamel offiza fuq il-persuni tal-Ispettur Jonathan Cassar, PC 940 Owen Magrin u PC 2179 Raisa Farrugia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jghamlu jew minhabba li kienu qed jghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom, kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta'dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

5. U aktar talli nhar l-14 ta` Marzu, 2022, gewwa l-Bini tal-Qorti, gewwa l-Belt Valletta, inġurja jew hedded lill-Magistrat Dr. Nadine Lia, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet għamlet id-dmirijiet taghha, jew bil-ħsieb li jbeżżagħha inkella li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tagħha;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;

7. U aktar talli nhar 29 ta` Dicembru, 2021, ghall-habta ta` 12:20hrs, gewwa l-Belt Valletta, ikkometta serq ta` telefons cellulari, liema serq huwa aggravat bil-valur liema valur jeccedi iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), izda ma jeccediex l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Hamza Bakoush u Omar Mustafa Hussein u/ jew persuni ohra.

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, xjentement laqgħa għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

9. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), li bih ta’ [sic] il-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi, sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba tirrevoka is-somma msemmija fl-obligazzjoni tal-garanzija liema somma totali ghandha tigi mghoddija favur il-Gvern ta’ Malta, kif ukoll tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Joseph Zahra u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi imputat fejn b’diversi digrieti hawn fuq imsemmija, kien inghata l-helsien mill-arrest, kif stipulat fl-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba toħroġ Ordni ta’ Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-Magistrat Dr. Nadine Lia LL.D., Spettur Jonathan Cassar, PC 940 Owen Magrin u PC2179 Raisa Farrugia jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuna leża jew ta’ individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża’ ta’ vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-17 ta’ Jannar 2023 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 92, 93(1)(2), 95, 96(a), 98, 99A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Fl-Artikoli 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Fl-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigu trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza

**Il-Fatti**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(1) Fit-18 ta' Marzu 2022, l-Ispettur Kevin Pulis li kien jinsab xoghol l-ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta ircieva telefonata minghand l-Ispettur Jonathan Cassar, fejn talbu l-assistenza tal-Pulizija tad-distrett, stante li waqt li kienu ghaddejjin bis-seduta tad-distrett quddiem il-Magistrat Dr Monica Vella, l-imputat kellu xi kwistjoni ma' xi pulizija li kienu barra l-awla.

(2) L-imputat beda jilmenta li skond hu kien ilu hafna jistenna li tissejjah il-kawza tieghu. Hin minnhom gholla basket li kellu u laqghat wicc pulizija mara li kienet qed issejjah il-kawzi, li ghalkemm kienet liebsa pajzana kienet liebsa tag tal-Pulizija. L-imputat irrifjuta li jhalli l-Pulizija li kellu skorta mieghu jimmanettjah. L-imputat kellu skorta mieghu ghax ittella' l-Qorti taht arrest.

(3) Minhabba l-kommossjoni li nqalghet, l-Ispettur Jonathan Cassar hareg mill-awla, u beda jipprova jikkalma lill-imputat. Izda l-imputat qallu l-kliem *"Spettur, ibza' minni"*.

(4) L-imputat gie arrestat u ittiehed l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt. Hu ghazel li jkun assistit mill-avukat difensur tieghu, u ttiehditlu stqarrija verbalment li giet

irrekordjata fuq il-bodycams tal-Pulizija, wara li gie avzat li dawn il-bodycams kienu se jinxteghlu.

(5) Sussegwentement, l-Ispettur Gabriel Micallef informa lill-ispettur Kevin Pulis li fl-14 ta' Marzu 2020, il-Magistrat Dottor Nadine Lia kienet baghtet komunika lill-Ghassa tal-Belt, ghax waqt li kienet qed tippresjedi s-seduta tad-distrett ta' Rahal Gdid, l-imputat kien ikkrea kommozzjoni gewwa l-awla. Billi huwa naqas li jobdi l-ordnijiet tal-Magistrat Dr Lia, huwa gie kkundannat numru ta' disprezzi. Pero lejn l-ahhar tas-seduta, l-imputat ghamel allegazzjonijiet illi l-Magistrat Dr Lia hassithom li huma ingurjuzi fil-konfront taghha, stante li l-imputat beda jghid li hu kien diga tkellem mar-ragel taghha u ma' missier ir-ragel taghha, li huma t-tnejn avukati, fuq il-kazijiet li kellu pendenti quddiemha.

(6) Fl-istess gurnata l-ispettur Kurt Farrugia informa lill-ispettur Kevin Pulis illi kien ghadu kemm ikkonkluda l-investigazzjoni tieghu rigward serq ta' zewg mobile phones li kien sar nhar id-29 ta' Dicembru tas-sena 2021 ghad-detriment ta' Omar Mustafa Hussein u ta' Hamza Bakoush, minn fuq il-fridge tal-gabbana fejn kienu qed jieklu. Go wiehed mill-mobile phones kien hemm l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250) fi flus kontanti. Mic-CCTV footage li gie elevat, fil-filmat kien jidher l-imputat ghaddej b'pushchair, u jghaddi minn fejn il-mobiles, imbaghad jerga' lura, u fil-video tidher id – li skond il-Pulizija liebsa l-istess hwejjeg li kellu l-imputat dak-in-nhar – tiehu l-mobile.

(7) L-imputat gie mressaq il-Qorti taht arrest fuq dawn it-tlett incidenti separati.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

8. Il-Qorti sejra tikkunsidra l-imputazzjoni konnessi ma' kull wiehed mit-tlett incidenti flimkien.

*L-Imputazzjonijiet numri 1 sa 4 – L-Incident tat-18 ta' Marzu 2022 fil-kurutur tal-Qorti quddiem l-Awla numru 11*

9. Il-Prosekuzzjoni ezebiet filmat tac-CCTV ta' dan l-incident li sehh fil-kurutur tal-Qorti quddiem l-Awla numru 11, fejn qed jigi allegat li l-imputat xejjer daqqa' ta' basket lil PC 2179 Raisa Farrugia li kienet qed issejjah il-kawzi, u sussegwentement irrezista li jigi immanettjat minn PC 940 Owen Magro li kien qieghed skorta mieghu.

10. Il-Qorti hija tal-opinjoni li jkun opportun li l-ewwel tanalizza dak li jidher fil-filmat, u mbaghad jekk ikun necessarju tirreferi ghal dak li qalu x-xhieda fir-rigward. Fil-filmat jidher li meta PC 2179 Raisa Farrugia bdiet issejjah il-kawzi, l-imputat qam bil-wieqfa, u dar lejha. Hija harget idha x-xellugija, u ippuntat subghajha lejh. Imbaghad bdiet miexja bil-mod fid-direzzjoni tieghu, b'subghajha dejjem ippuntat lejh. Meta PC 2179 kienet waslet vicin tieghu, l-imputat jidher jgholli idejh ix-xellugija, li biha kien qed izomm basket pjuttost kbir tal-karti, li ovvjament ghola ma jdejh. Fil-filmat ma jidhirx x'ghamel l-imputat b'idejh, ghax idejh hija mghottija bil-basket, imbaghad tidher PC 2179 taqbad il-basket u tnehhih bis-sahha minn idejn l-imputat u twaddbu mal-art.

11. Din il-Qorti rat il-filmat kemm-il darba, u kull darba li ratu iktar ikkonvinciet ruhha li l-ghan ghaliex l-imputat gholla jdejh ma kienx biex jagredixxi lil PC 2179 b'idejh jew biex itiha daqqa ta' basket go wiccha – kieku l-moviment ta' idu kien ikun ferm differenti. Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat gholla idejh sabiex inehhi subghajha ippuntat lejh, li kien imiss kwazi mieghu, u peress li f'idu kellu l-basket tal-karti li ovvjament hu hafif, dan il-basket laqghat lil PC 2179 go wiccha.

12. Sussegwentement inholqot kommossjoni, u PC 940 Owen Magro ipprova jimmanettjalu idejh, imma l-imputat beda jipprova jizgicca jdejh, idawwarhom u jahbihom wara daharu sabiex PC 940 ma jirnexxielux jaghmillu l-manetti.

13. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Roderick Farrugia** deciza fis-26 t'April 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk:

[1] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*"Illi kif jghid il-***Prof. Sir A. Mamo** *"Notes on Criminal Law" (Vol.II- 1955 edit. p. 55 et seq.) biex jissusisti dan ir-reat kontemplat fl-art.96 tal-Kodici Kriminali jehtieg li tkun tirrizulta l-"active force" ossia l-"via di fatto". Il-mera dizubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni legittimu tal-awtorita' ma humiex bizzejjed biex jkun hemm dar-reat. Hemm bzonn li l-insubordinazzjoni tasal sal-grad li tiffrustra jew tfixkel l-esekuzzjoni tal-ligi billi topponi l-azzjoni ta' dawk inkarikati mill-esekuzzjoni tal-ligi. Hu minnu ukoll li l-istess awtur jghid :-*

*"If, therefore a man makes opposition to a warrant of seizure merely by refusing to open the door of his house, he does not commit this crime… … The same may be said where a person avoids the execution of a warrant of arrest by running away at the arrival of the police, or by freeing himself from their hands, without however, using any violence whatsoever. The Law respects the natural instincts of every man and does not pretend that he should renounce a way which appears open to him to maintain his liberty." (sottolinejar ta' din il-Qorti)"*

14. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Borg** deciza fis-26 ta' Jannar 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] spjegat illi:

*"Mhux bizzejjed ghalhekk attakk bil-kliem, anke jekk dak il-kliem ikun iebes, ingurjuz jew minatorju (tali kliem jista naturalment jammonta ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali). Anqas ma hi bizzejjed ghall-finijiet tal-artikolu 96 is-semplici rezistenza passiva (ez. li wiehed ma jiftahx il-bieb jew li jintelaq mal-art) jew l-uzu ta' forza jew vjolenza applikata fuq, jew fil-konfront ta' oggett, b'mod pero, li dik il-forza ma tkunx tista' direttament jew indirettament tikkaguna xi hsara lill-ufficjal pubbliku (ez. wiehed jaghti bil-ponn fuq vettura biex ibezza' lill-ufficjal pubbliku, ghalkemm f'dan il-kaz jista' jikkonfigura reat iehor. … …*

*Ir-rezistenza li offra l-appellant permezz ta' forza li ma kinitx diretta lejn l-ufficjali tal-pulizija izda billi zamm mas-siggijiet kif ukoll mal-hadid tal-bieb jew kancell. Ghalkemm l-imgieba ta' l-appellant forsi ma tikkwalifkax mad-daqqa' t'ghajn bhala rezistenza passiva, ghax hu uza forma ta' forza biex jirrezisti li jinhareg mill-Istadium,*

[2] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano. Vol. LXXXIII-IV-165

*tali forza ma tammontax ghal vjolenza jew hebb* *fil-konfront ta' l-ufficjali tal-pulizija.* *L-imgieba ta' l-appellant, izda kienet tali li tnissel apprensjoni ghall-inkolumita personali ta' min seta' kien vicin l-istess appellant, u ghalhekk bhala tali, tammonta ghal ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku … …"* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

15. Fil-kaz odjern, mill-filmati tac-CCTV jirrizulta li fl-ebda hin ma l-impuntat ezercita xi forma ta' forza illegittima diretta lejn xi wiehed minn dawn l-ufficjali tal-Pulizija, liema forza setghet ikkagunat hsara lil xi wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija. Huwa vera li l-imputat irrezista li jaghti idejh u beda jpoggihom wara daharu sabiex ma jigix immanettjat, pero fl-ebda hin huwa ma attakka jew irrezista permezz ta' vjolenza fizika lil xi wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija.

16. Rigward l-incident ma' PC 2179 Raisa Farrugia, PC 2179 stess tghid li l-imputat *"laqatni f'ghajnejja"*[3] bil-basket tal-karti – frazi li ovvjament turi li hi stess ma kinietx qed tahseb li l-imputat gholla l-basket bl-intenzjoni li jolqotha f'ghajnejha. Fin-noti tieghu, il-**Prof. Anthony Mamo** jghid hekk: *"The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority"*[4] (sottolinear tal-awtur). Fil-kaz odjern, din il-manuvra tal-imputat ma saritx ghal din l-intenzjoni, imma, kif diga inghad l-intenzjoni tal-imputat manifestament kienet li jwarrab s-suba' ppuntat ta' PC 2179 minn quddiemu – certament ma jistghax jinghad li kien necessarju li PC 2179 tippunta subghajha b'dak il-mod sabiex l-imputat jobdi l-ordni taghha li ma jghajjatx, jikkalma u joqghod bil-qieghda. Rigward l-allegazzjonijiet li qabel laqat lil PC 2179 bil-basket tal-karti, l-imputat kien qieghed ixejjer il-basket u li beda jsir vjolenti, dawn l-allegazzjoni ma tirrizultax mill-filmati tac-CCTV.

17. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel imputazzjoni u cioe li l-imputat attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza lil PC 2127 u PC 940 ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali ma tirrizultax.

18. L-imputat huwa akkuzat ukoll li ingurja, hedded u/jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija kif ukoll tal-Ispettur Jonathan Cassar ai termini tal-

[3] Ara fol. 268 u 272 tal-process.
[44] **Prof. Anthony Mamo: Notes on Criminal Law** edizjoni riveduta 1954-1955 pagna 47.

Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Fix-xhieda taghha PC 2127 Raisa Farrugia xehdet li l-imputat beda jghajjat maghha u jghidilha dan il-kliem *"Inti taf kemm ilni nistenna hawnhekk? Taf li jiena bniedem marid?", "isma' dahhalni ghax jien bniedem marid"* u *"jien irrid nidhol, jien irrid l-kawza tieghi tinstema' issa"*.[5] Dan id-diskors la jikkostitwixxi ingurja u lanqas jikkwalifika bhala theddid jew ingurja fil-konfront ta' PC 2127. Ovvjament il-fatt li l-imputat baqa' jinsisti b'vuci gholja li jrid li l-kawza tieghu issir, minkejja li PC 2127 bdiet tordnalu biex joqghod kwiet, jikkostitwixxi r-reati minuri li m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' awtorita pubblika, u li kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika. Mill-filmati tac-CCTV ma jirrizultax li meta l-imputat laqatha bil-basket tal-karti huwa ikkagunalha xi offiza fuq il-persuna taghha, u fil-fatt dan lanqas gie allegat minn PC 2127. Ghaldaqstant, ma jirrizultax li l-imputat ikkommetta r-reat kontemplat fl-Artikolu 95 fil-konfront ta' PC 2127 Raisa Farrugia.

19. Fix-xhieda tieghu PC 940 Owen Magrin qal hekk: *"Fil-konfront tieghi dirett m'offendinix per se lili kull ma beda jghidli mhux ha jhallini naghmilu l-manetti kif ukoll li dan m'ghamel xejn hazin u mhux ha jkollu l-manetti ghax ghandu l-krozzi."*[6] Ix-xhud PC 940 Owen Mangion jghid ukoll li l-imputat qal xi kliem vulgari u oxxen hu u jirrezisti li jaghmillu l-manetti. Fil-fatt PC 940 ma rnexxielux jaghmillu l-manetti. Minn din ix-xhieda, ma jirrizultax li jezistu l-estremi sabiex jista' jinghad li gie kommess ir-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta' PC 940.

20. Pero kemm mir-recording fic-CCTV footage u audio, kif ukoll mix-xhieda tal-ispettur Jonathan Cassar, PC 940 u PC 2127, jirrizulta ampjament, li meta l-Ispettur Jonathan Cassar prova jkellem lill-imputat dan beda jghidlu l-kliem *"ibza' minni"* u dan ghal iktar minn darba. Dan certament huwa kliem ta' theddid fil-konfront tal-Ispettur, u ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li t-tieni imputazzjoni u cioe r-reat kontemplat fl-Artikolu 95 giet debitament ippruvata fil-konfront tal-Ispettur Jonathan Cassar.

21. Kif diga inghad, il-kontravvenzjonijiet li l-imputat naqas li jobdi ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija kif ukoll li kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, jirrizultaw ampjament ippruvati mix-xhieda ta' PC 2127, PC 940 u tal-Ispettur Jonathan Cassar, kif ukoll mill-filmati tac-CCTV.

---

[5] Ara fol. 267-268 tal-process.
[6] Ara fol. 458 tal-process.

22. Id-difiza tissottometti illi l-ordni li l-Pulizija taw lill-imputat li jilbes il-manetti ma kinietx wahda ragonevoli, ghaliex kieku libes il-manetti, l-imputat ma kienx ikun jista' jzomm il-krozzi, u jimxi, minghajr riskju reali li jaqa' ma' l-art. Ghalkemm il-Qorti taqbel mal-principju li l-ordni li tati l-Pulizija trid tkun wahda ragonevoli sabiex tigi obduta, min-naha l-ohra fil-kaz odjern ma jirrizultax li l-ordni kienet wahda irragonevoli fic-cirkostanzi. Il-Qorti tifhem li l-Pulizija riedet li hu jigi immanettjat sabiex jigi ikkontrollat fizikament minhabba d-daghdiha li anke d-difiza stess tammetti li l-imputat kellu fuqu dak il-hin.[7] Huwa ovvju anke ma' l-ewwel daqqa t'ghajn li l-imputat ghandu problema ta' mobilita, u ghandu bzonn l-ghajnuna tal-krozzi biex jimxi. Kieku l-imputat accetta li jigi immanettjat u baqa' bil-qieghda fuq il-bank, ma kien se jkun hemm l-ebda perikolu ghal sahhtu. Din il-Qorti ma tahsibx li l-Pulizija kienet se tkun tant irragonevoli li tippretendi li meta tissejjah il-kawza tieghu, l-imputat kellu jimxi immanettjat sal-Awla minghajr l-ghajnuna tal-krozzi, jekk mhux ghal raguni ohra, ghax jekk l-imputat jaqa' u jweggha – kif kien probabbli hafna li jigri - kien ovvju li dan ikun gara t-tort tan-negligenza tal-Pulizija, bil-konsegwenzi legali li dan kollu jgib mieghu.

23. L-imputat jghid li ma ndunax li PC 2127, li kienet liebsa pajzana, izda kellha tag tal-Pulizija, kienet ufficjal tal-Pulizija, izda hasibha impjegata tal-Qorti.[8] Pero l-Qorti mhix disposta temmnu f'dan ir-rispett, stante li PC 2127 kienet liebsa t-tag tal-Pulizija, u l-imputat huwa midhla sew tal-proceduri ta' dawn il-Qrati, kif tixhed il-fedina voluminuza tieghu, u jaf li fil-kawzi kriminali, huma l-Pulizija li jsejhu l-kawzi.

*L-Imputazzjonijiet numri 5 u 6 – L-Incident tal-14 ta' Marzu 2022 fil-bini tal-Qorti fis-seduta preseduta mill-Magistrat Dr Nadine Lia*

24. Il-Qorti tibda biex tghid li dawn l-imputazzjonijiet jirreferu biss ghal dak li gara fl-14 ta' Marzu 2022 fil-bini tal-Qorti, u ghaldaqstant, il-Qorti hija prekluza milli tiehu in konsiderazzjoni provi dwar dak li l-imputat allegatament ghamel fi granet precedenti.

25. Fl-14 ta' Marzu 2022, l-imputat kellu tlett kawzi kriminali kontrih quddiem din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Nadine Lia. Mix-xhieda tal-Magistrat Dr Nadine Lia kif

[7] Ara fol. 745 tal-process, it-tieni paragrafu.
[8] Ara fol. 633 tal-process.

ukoll mill-verbal relattiv tas-seduta relattiva, jirrizulta li l-imputat qala' diversi incidenti ghax kien qed jinterrompi x-xhieda b'diversi kummenti dispreggattivi. Minkejja li gie diversi drabi imwissi mill-Magistrat biex jikkontrolla l-imgieba tieghu, hu baqa' jippersisti bl-agir tieghu, u konsegwentement hu gie ikkundannat diversi disprezzi. Skond ix-xhieda mhux kontradetta tal-Magistrat, fl-ahhar tas-seduta, huwa qal dan il-kliem *"… … mhux imbilli taghmilli hekk fl-awla … … ir-ragel taghha u missierha tawni appuntament biex jien immur l-ufficju taghhom niddiskuti l-kawzi li ghandi quddiemha u hi qieghda ggellidni maghhom.[9]"* Kif diga inghad, ir-ragel tal-Magistrat u missier ir-ragel taghha huma t-tnejn avukati. Fil-verbal tas-seduta, il-Magistrat talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga l-kumment tal-imputat, u l-veracita tieghu, u jekk jirrizulta li huwa falz, talbet li jittiehdu l-passi necessarji.[10]

26. Fin-nota ta' sottomissjoniet, id-difiza donna timplika li l-imputat mhux vera qal dan il-kliem, izda qal biss il-kliem li l-Magistrat kienet "gelditu" minn ma' zewgha. Pero minkejja l-verbal li ghamlet il-Magistrat seduta stante tad-diskors li qal l-imputat, id-difiza ma ghamlet l-ebda verbal jew xi nota fl-atti ta' dik il-kawza, fis-sens li dan id-diskors ma sarx, jew li l-Magistrat kienet fehmet hazin. In oltre, x-xhieda tal-Magistrat hija korroborata bix-xhieda tad-deputat registratur Lorianne Spiteri.[11] La l-imputat, waqt ix-xhieda tieghu, u lanqas xi xhud iehor ma qal li dak li ivverbalizzat il-Magistrat fis-seduta, u li regghet irrepetiet waqt ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri ma kienx veritjieri.

27. Dan il-kliem li qal l-imputat huwa ovvjament ingurjuz fil-konfront tal-Magistrat – ghax jitfa' dubbju fuq l-indipendenza u l-imparzjalita taghha bhala magistrat, kif ukoll fuq l-integrita taghha u tal-familjari taghha, iktar u iktar meta dan id-diskors inghad f'awla mimlija nies, stante li din kienet seduta tad-distrett ta' Rahal Gdid. Fil-fatt l-istess Magistrat xehdet hekk: *"jien dak il-hin inhsadt, hassejtni imbarrazata, sincerament imbarazzata because dak il-hin fl-awla ovvjament ghandhom kull dritt – kull dritt – li n-nies jghidu "Dan x'qed jigri hawnhekk? … … At the same time thossok speci, mhux imbezza l-kelma, imma thossok speci li tghid imma dan jekk xi hadd jemmnu dan se jahsbu li jiena dan t-tip ta' kif nahdem … …"*[12]

[9] Ara fol. 306 tal-process.
[10] Ara fol. 406 tal-process.
[11] Ara fol. 438 tal-process.
[12] Ara fol. 311 tal-process.

28. Fix-xhieda tieghu l-imputat ammetta li zbalja li semma' r-ragel tal-Magistrat fl-awla,[13] u fil-fatt fis-seduta sussegwenti, l-imputat skuza ruhu mal-Magistrat. In sostanza mix-xhieda tieghu jirrizulta li hu qal dak id-diskors bhala forma ta' ritaljazzjoni ghax hass li l-Magistrat ma kellhiex tahtfu ghax ma telax il-Qorti, u lanqas skond hu ma kienet qed taccetta c-certifikati medici li kien jibghat mal-avukat difensur tieghu. Fil-fatt meta din il-Qorti issikatu biex jaghti raguni ghalfejn qal dak id-diskors hu qal *"ghax dak il-hin irrabjatni mbaghad, heqq!"*.[14] Il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-imputat kien urtat ukoll ghall-fatt li l-Magistrat kienet ghadha kemm ikkundannatu ihallas diversi disprezzi.

29. Konsegwentement, mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-imputat qal id-diskors in kwistjoni minħabba li l-Magistrat kienet għamlet id-dmirijiet taghha li tassigura li hu jitla' l-Qorti meta kien imsejjah biex jaghmel dan, u matul dik is-seduta kienet ikkundannatu jhallas diversi disprezzi minhabba l-imgieba mhux xierqa tieghu fil-Qorti. Pero mill-provi ma jirrizultax li l-imputat qal dan id-diskors bil-ħsieb li jbeżżagħha inkella biex jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tagħha. Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 93(1) tal-Kodici Kriminali.

30. Il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt imputazzjoni, u cioe li matul is-seduta in kwistjoni, l-imputat kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, stante li kif diga inghad, huwa diga gie ikkundannat ihallas diversi disprezzi ghal dan l-agir tieghu, u jekk din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni, tkun qed tikser il-principju ta' *ne bis in idem.*

*<u>L-Imputazzjonijiet numru 7 u 8 – Serq ta' zewg mobile phones fid-29 ta' Dicembru 2021 u ta' ricettazzjoni</u>*

31. L-imputat huwa mixli wkoll talli nhar 29 ta` Dicembru, 2021, ghall-habta ta` 12:20hrs, gewwa l-Belt Valletta, ikkometta serq ta` zewg mobile phones ghad-detriment ta' Hamza Bakoush u Omar Mustafa Hussein. Dawn iz-zewg persuni xehdu li huma kienu qed jieklu barra gabbana. Huma allontaw ruhhom ghal ftit minuti minn fuq il-mejda izda hallew il-mobile phones taghhom warajhom fuq il-freezer. Meta irritornaw lura l-

[13] Ara fol. 627 tal-process.
[14] Ara fol. 628 tal-process.

mobile phones ma nstabux. Huma talbu lil sid il-gabbana jurihom il-filmat tac-CCTV, minn fejn irrizulta li ragel seraq dawn il-mobiles. Muhammed Omar Mustafa Hussein xehed li l-mobile tieghu kien jiswa' tlett mija u hamsin Euro (€350)[15] fil-waqt li Hamza Bakoush xehed li l-mobile phone tieghu kien jiswa xi mitejn Euro (€200).[16] Ghalkemm waqt ix-xhieda taghhom, il-vittimi ma ftakrux id-data tal-incident, it-tnejn li huma qalu li dak-in-nhar stess immedjatament wara li ndunaw li xi hadd kien serqilhom il-mobiles, marru jaghmlu rapport lill-Pulizija, u ghalhekk id-data tal-incident hija d-data li fiha sar ir-rapport. Inoltre, ghalkemm l-vittmi ma gabux prova dokumentarja tal-valur tal-mobiles rispettivi taghhom, il-valur minnhom imsemmi jirrifletti l-valur pjuttost baxx ta' smart phone illum-il gurnata.

32. Mill-filmat tac-CCTV ezebit mill-Prosekuzzjoni, l-ewwel jidher l-imputat jimbotta wiehed mill-mobile phones il-gewwa, b'mod li gie barra mill-vista tal-camera. Wara li ghamel hekk, huwa qabad il-pram li kellu, u mexa wara l-gabbana. Ftit sekondi wara, l-imputat jerga' lura fil-vista tal-camera mill-istess punt li hareg minnu, u jidher ibexxaq dak li jidher li hu qisu baskett li kellu. Hu jimxi lura lejn id-direzzjoni ta' fejn kien tefa' l-mobile, u jerga' johrog mill-vista tal-camera. Ftit sekondi wara tidher id, li hi mghottija bl-istess disinn ta' hwejjeg li kien liebes l-imputat, fl-istess direzzjoni fejn l-imputat kien tefa' l-mobile. Ghalkemm din il-Qorti mhix tant konvinta li l-imputat induna bil-camera tac-CCTV, pero minn dan il-filmat, hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien l-imputat li seraq dawn iz-zewg mobiles.

33. Il-Qorti trid taghmilha cara li biex waslet ghal din konkluzjoni taghha hija ma haditx in konsiderazzjoni x-xhieda tal-ispettur Kurt Farrugia, li minkejja li xehed dak li qallu l-imputat waqt l-interrogatorju, ma ezebixxa l-ebda stqarrija li giet rilaxxata mill-imputat.

34. Fix-xhieda tieghu, Hamza Bakoush xehed li hu jahfer lill-imputat,[17] fil-waqt li Mohammed Omar Mustafa Hussein xehed li l-imputat kien hallsu s-somma ta' €350, rapprezentanti l-valur tal-mobile tieghu, u kien lest li jahfirlu.[18] Ovvjament din il-mahfra ma tnaqqas xejn mill-fatt li r-reat ta' serq gie kommess, pero ser tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' piena.

---

[15] Ara fol. 113 tal-process.
[16] Ara fol. 283 tal-process.
[17] Ara fol. 610 tal-process.
[18] Ara fol. 614 tal-process.

35. Huwa ovvju li t-tminn (8) imputazzjoni, u cioe dik ta' ricettazzjoni, inghatat bhala alternattiva ghas-seba' (7) imputazzjoni u cioe dik ta' serq, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

*L-Imputazzjoni Numru 9: Ksur tal-Kondizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest*

36. Il-Prosekuzzjoni ipprezentat vera kopja tad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti lill-imputat minn din il-Qorti, ippreseduta mill-Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo fit-3 ta' Novembru 2019,[19] liema digriet ghadu in vigore.

37. Ladarba din il-Qorti sabet lill-imputat hati tar-reati fuq imsemmija, isegwi li huwa hati wkoll li kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet tal-helsien mill-arrest, u cioe dik li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

*L-Imputazzjoni numru 10 – L-Addebitu tar-Recidiva*

38. Rigward l-addebitu tar-recidiva, ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, din l-imputazzjoni giet debitament ippruvata bid-diversi sentenzi ezebiti mill-assistent Registratur ta' din il-Qorti f'dawn il-proceduri.[20]

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

39. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali tal-imputat hija wahda mill-iktar raffrettarji, li fiha mija u disa' (109) faccati ta' litanija ta' reati differenti, u in partikolari, diversi serq ikkwalifikat, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, attakk u rezistenza lil Pulizija, u theddid, ingurja u feriti lill-ufficjali tal-Pulizija u ufficjali ohra inkarigati miz-zamma tal-ordni.

---

[19] Ara fol. 507 tal-process.
[20] Ara fol. 528 *et seq.* tal-process.

40. B'lealta d-difiza irrikonoxxiet li l-imputat m'ghandux kontroll fuq diskorsu, li xi drabi jaf ma jkun xejn helu, specjalment mal-membri tal-Korp tal-Pulizija u mal-ufficjali tal-habs, probabbilment ghaliex huma n-nies li jhosshom qed jikkontrollawlu imgiebtu. Il-Qorti jkollha taqbel mal-kumment tal-Ufficjal tal-Probation li kienet qed issegwieh matul dawn il-proceduri, li minhabba l-eta tieghu u certa kultura li huwa trabba fiha huwa difficli li llum il-gurnata l-imputat jibdel il-karattru tieghu. Pero l-Ufficjal tal-Probation qalet ukoll li jidher li huwa juri certu rispett lil min jipprova jghinu, ghalkemm xorta wahda it-ton tieghu ikun wiehed ta' kmand.[21]

41. Kif diga inghad iktar il-fuq, fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti se tiehu ukoll in konsiderazzjoni li z-zewg vittmi tas-serq hafru lill-imputat u ma ghandhom l-ebda pretensjoni kontra tieghu.

42. Fl-ahharnett, il-Qorti tosserva li apparti li fic-citazzjoni l-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat bil-ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest, talbet ukoll ir-revoka tad-digriet tal-helsien mill-arrest u r-ri-arrest tieghu kif kienet intitolata li taghmel ai termini tal-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali. Pero fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju – li f'dawn il-proceduri tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att tal-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali[22] – l-Avukat Generali naqas li jelenka wkoll l-Artikolu 593(3) tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant, din il-Qorti hija prekluza milli tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest u r-riarrest tal-imputat.

**Konkluzjoni**

43. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddiciedi billi, wara li rat l-artikoli elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-17 ta' Jannar 2023:

(1) tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikoli 338(ee) u 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u li bihom l-imputat gie mixli fis-sitt (6) u tminn (8) imputazzjoni;

[21] Ara fol. 652 tal-process.
[22] Ara s-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*per* Imhallef Vincent De Gaetano) deciza fis-7 ta' Dicembru 2001.

(2) issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni u cioe r-reat kontemplat fl-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk qed tilliberah minnha;

(3) wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali issib lill-imputat hati tar-reat kontemplat f'dan l-Artikolu u li bih l-imputat gie mixli fit-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, pero limitatament biss fil-konfront tal-ispettur Jonathan Cassar, u issibu mhux hati ghall-kumplament tal-istess imputazzjoni u qed tilliberah mill-kumplament tal-istess tieni imputazzjoni;

(4) wara li rat l-Artikoli 93(1), 338(dd) u 338(ee), 261(c), 267, 279(a), 579(2), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati fihom kontemplati u konsegwentement hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti kontra tieghu;

(5) tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-hati ghal perjodu ta' tletin (30) xahar prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss;

(6) inoltre tikkundannah ukoll ghal hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2000), liema multa hija pagabbli minnufih, u fin-nuqqas tigi konvertita f'perjodu ta' prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

(7) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tlett mitt Euro (€300) mill-ammont akbar ta' garanzija personali imposta fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghti fit-3 ta' Novembru 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo, u jekk dan l-ammont ma jithallasx immedjatament, dan l-ammont jigi konvertit f'perjodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi;

(8) inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar (1) minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

(9) ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà tal-Magistrat Dottor Nadine Lia u Spettur Jonathan Cassar, u ghall-fini taz-zamma tal-ordni pubbliku fir-rigward ta' PC 940 Owen Magrin u PC 2179 Raisa Farrugia Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

44. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**